MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2008

Rikors Numru. 31/2006

**Joseph Angilleri, Brian Borg, Joseph Borg, Victor Galea Pace, Stephen Mercieca, Marion Pace Axiaq, Sammy Rapa, John Rizzo Naudi, Frank Xerri De Caro.**

**vs**

**1) Kummissarju tal-Pulizija.**
**2) Avukat Generali.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ Joseph Angilleri *et* datat 10 ta’ Mejju 2006 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi permezz ta’ citazzjoni huma tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

akkuzati talli fil-kwalita` taghhom ta' diretturi u/jew rappresentanti guridici tas-socjeta` Gozo Channel Company Ltd. (C4314) b'indirizz Hay Wharf Sa Masion, Pieta` u/jew bhala l-persuni li kienu nkarigati mill-istess socjeta` sabiex ihallsu l-pagi dovuti talli naqsu li jhallsu l-pagi kollha sas-7 ta' Frar 2005 fl-ammont ta' Lm9,919.87 [€23,107.08] dovuti lill-ex-impjegata tas-socjeta` fuq imsemmija Dulcima Aquilina fit-tmiem tal-impjieg taghha fis-7 ta' Frar 2005 (**Art 5,15 & 45 tal-Kap 452**). Il-Qorti kienet mitluba bir-rispett li tordna lill-akkuzati li jhallsu lill-persuna fuq imsemmija l-ammont ta' Lm9,919.87 [€23,107.08] kif specifikat aktar 'il fuq ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Illi ma' tul il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magsitrati deher biss Joseph Angilleri.

Illi fl-20 ta' Frar 2005 inghatat sentenza kontra l-imputati kollha, ukoll mhux fil-prezenza taghhom ghajr ghal Joseph Angilleri, li mmedjatament talab is-sospensjoni tas-sentenza peress illi kien bi hsiebu jappella.

Illi Joseph Angilleri attwalment interpona appell quddiem il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali liema appell kien fil-forma solita ta' rikors bl-istess okkju tas-sentenza appellata: l-appell kien fuq il-mertu u ma kienx hemm referenza ghall-punt li dwaru qieghed isir dan ir-rikors.

Illi meta l-appell inghajjat, deher biss Joseph Angilleri, kif kien ghamel dejjem sa dan il-punt u l-Avukat Generali talab illi l-appell inkwantu jikkoncerna lill-imputati (allura hatja) l-ohra jigi ddikjarat dezert peress illi la kienu talbu s-sospensjoni u lanqas ma kienu deheru.

Illi b'risposta ghal dan, gie sottomess illi galadarba illi l-Avukat Generali hass illi kellu jiddepartixxi mill-prassi li kienet giet adoperata fil-Qorti tal-Magistrati illi jidher biss akkuzat wiehed (u dan b'referenza ghall-fatti illi d-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impjiegi konsistentement u b'mod tant legger illi jista' jitqies illi jikkostitwixxi abbuz ta' poter iharrek lil kull membru tal-Bord ta' Diretturi u anke gieli mpjegati manigerjali meta *si*

*tratta* kumpanija li allegatament tonqos li taghti xi beneficcju lil xi mpjegat, minflok tindaga min ghandu jerfa’ r-responsabbilta` jekk din tigi ddikjarata li tezisti) allura l-imputati kellhom iqajmu ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali l-fatt illi l-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati kienu vvizzjati fatalment u *ab initio stante* illi saru tali proceduri u nghatat sentenza fl-assenza totali ta’ l-akkuzati kollha hlief Joseph Angilleri.

Illi ghandu jigi nnotat, incidentalment, illi r-rikorrent Joseph Borg lanqas ma kien membru tal-Bord tad-Diretturi meta l-fatti li taw lok ghall-prosekuzzjoni sehhew, li juri kemm id-Dipartiment jaqbad u jmexxi kontra kull min jidhirlu.

Illi anke Joseph Angilleri ssottometta illi l-proceduri fil-konfront tieghu kienu nulli *stante* illi l-kaz kien wiehed li kien qed jitmexxa kontra l-imputati kollha u ghalhekk galadarba l-proceduri kienu nulli kienu nulli anke fil-proceduri tieghu.

Illi l-Qorti ta’ Appell Kriminali, b’decizjoni tas-26 ta’ April 2006 iddikjarat l-appelli kollha ghajr dik ta’ Joseph Angilleri bhala dezerti *stante* l-assenza ta’ l-istess imputati allura appellanti, u ghalhekk is-sentenza li nghatat fil-konfront taghhom meta huma la kienu prezenti ghall-process u lanqas ghas-sentenza, ghaddiet in gudikat.

Illi l-appellanti li taghhom l-appell gie ddikjarat dezert, sabiex jipprovaw jezawrixxu r-rimedji odjerni kollha spettanti lilhom, ghamlu rikors *ai termini* tal-**Kap 9** fejn spjegaw illi l-assenza taghhom kienet dovuta biss ghall-fatt illi l-proceduri saru bil-mod li saru u talbu lill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali biex thassar id-digriet sabiex huma wkoll ikunu jistghu jivventilaw il-kwistjoni ta’ importanza fondamentali cioe` dik ta’ nuqqas ta’ smigh xieraq fil-konfront taghhom.

Illi l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali cahdet dan ir-rikors.

Illi r-rikorrenti jhossu illi fil-konfront taghhom id-dritt ta’ smigh xieraq kif protess mill-Kostituzzjoni **Art. 39 (1) (6) (c) (d)** u l-paragrafu ahhari ta’ l-istess **artikolu u l-**

**Konvenzjoni Ewropea (Art. 6)** mill-Qorti tal-Magistrati meta halliet il-proceduri jitmexxew fl-assenza ta’ l-imputati u sahansitra tat sentenza fl-assenza taghhom kif ukoll mill-Qorti ta’ l-Appelli Kriminali meta ma rrimedjatx is-sitwazzjoni peress illi ma rrikonoxxietx l-importanza fondamentali tal-kwistjoni, fejn hareg fid-deher il-fatt illi kien hemm proceduri totalment mankanti *ab initio*.

Illi sabiex ma jkunx hemm malintiz, ir-rikorrenti jissottomettu primarjament illi l-lezjoni ta’ drittijiet taghhom mill-Qorti tal-Magistrati hu tant serju u fondamentali illi jivvizja l-proceduri tant illi huma nulli u ghandhom jitqiesu illi qatt ma saru: dak li sehh quddiem il-Qorti ta’ l-Appelli Kriminali hu konsegwenzjali, kemm ta’ dak li gara quddiem il-Qorti tal-Magistrati kif ukoll tal-mod li bih ghazel li jipprocedi d-Dipartiment u, warajh fl-istadju ta’ l-Appell, l-Avukat Generali.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti kollha jitolbu illi din il-Qorti tiddikjara illi minhabba lezjoni serja u fondamentali tad-drittijiet taghhom kif protetti kif inghad hawn fuq din il-Qorti joghgobha thassar tannulla u b’kull mod spettanti ghaliha tirrendi minghajr effett is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li ghaliha saret referenza jew fl-alternattiv tidderigi lill-Qorti ta’ l-Appell biex takkorda lir-rikorrenti kollha (hlief ovvjament Joseph Angilleri) l-fakolta` li jassumu l-kwalita` ta’ appellanti quddiem l-istess Qorti ta’ l-Appell Kriminali flimkien ma’ Joseph Angilleri u dan sabiex l-appell fl-*intier* tieghu, inkluz il-punt ta’ nuqqas ta’ smigh xieraq jigi trattat u deciz.

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-17 ta’ Mejju 2006.

Rat ir-risposta tal-intimati datata 19 ta’ Mejju 2006 a fol. 11 tal-process fejn esponew: -

1. Preliminarjament, din il-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti *ai termini* tal-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni *stante* li r-rikorrenti kollha barra Joseph Angilleri, kellhom rimedju ordinarju li setghu utilizzawh izda huma naqsu li jaghmu dan. L-ilmenti tar-

rikorrenti jittrattaw dwar l-ghoti tas-sentenza fil-prim istanza fl-assenza ta’ whud minnhom u l-allegazzjoni li l-Qorti tal-Appell ma sewwietx dan l-allegat nuqqas izda ddikjarat il-proceduri dezerti. Ghalkemm ir-rikorrenti jenfasizzaw hafna l-punt dwar l-ghoti tas-sentenza fil-prim istanza, fil-fatt dak li din il-Qorti ghandha tikkunsidra l-ewwel huma dak li gara fi stadju tal-appell peress li dak li gara fl-appell seta’ facilment solva dak li sehh fil-prim istanza, jekk kienet tqum il-htiega. Fil-fatt id-dezerzjoni tal-proceduri kriminali fi stadju ta’ appell waslet peress li l-istess rikorrenti ghalkemm notifikati, naqsu milli jidhru meta beda jinstema’ l-appell. Li kieku dehru, il-Qorti kienet tista’ tisma’ l-appell, u l-Qorti setghet anke tqajjem il-punt tan-nullita` tas-sentenza *ex officio essendo* din kwistjoni ta’ ordni pubbliku. Izda bl-atteggjament taghhom l-istess rikorrenti ma hallewx triq ohra ghall-Qorti hlief li tapplika l-**artikolu 442 (1) tal-Kap 9** u tiddikjara l-appell dezert u hekk ma setax ikun dibattut u deciz il-punt dwar in-nullita` tas-sentenza fil-prim istanza (ara **Pulizija vs Carmelo del Volto Santo Zammit** deciza 19 ta’ Jannar 1995 Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri).

Ukoll, kif jidher mir-rikors li fih ir-rikorrenti ppruvaw jiggustifikaw l-assenza taghhom, huma ma kellhomx raguni valida ghaliex ma dehrux. U kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz, il-konsulent legali tar-rikorrenti kien anke mgharraf direttament mill-Ufficjal Prosekutur bil-konsegwenza skond il-ligi, jekk ir-rikorrenti jaghzlu li ma jidhrux fl-appell.

L-artikolu 422 tal-Kodici Kriminali jipprovdi:-

*1) Jekk, f’ jum tas-smigh ta’ l-appell, l-appellant ma jidhirx, l-appell tieghu jinghad dezert u s-sentenza appellata tigi esegwita; imma fuq rikors ta’ l-appellant,ipprezentat fi zmien erbat ijiem mill-gurnata fuq imsemmija, flimkien ma’ dikjarazzjoni mahlufa mill-istess appellant quddiem ir-registratur li, minhabba mard jew ghal raguni ohra indipendenti mill-volonta` tieghu, fir-rikors imsemmija espressament, hu ma setax jidher fil-gurnata fuq imsemmija, il-qorti taghti gurnata ohra ghas-smigh ta’ l-*

*appell, u f' dan il-kaz, jghoddu d-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ta' l-ahhar artikolu qabel dan.*

*2) Meta ma jidhirx l-appellat, il-qorti tisma' l-appellant, u taghti s-sentenza skond il-ligi.*

*3) F'kaz meta l-appellant kien hieles mill-arrest kif provdut fl-artikolu 416 (1A) u (3) qabel id-decizjoni ta' l-appell, it-talba tieghu ghal helsien mill-arrest tista' ssir fl-istess rikors imsemmi fis-subartikolu (1).*

Ghalhekk jidher car li r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju li ghax riedu huma ma utilizzawhx, u issa ma jistghux jilmentaw minhabba l-agir taghhom stess.

2. Preliminarjament u minghajr pregudizzju tas-suespost, inkwantu r-rikorrenti kollha barra Joseph Angilleri jittentaw juzaw il-proceduri kostituzzjonali biex jghelbu d-digriet tal-Qrati tal-Appell Kriminali tat-3 ta' Mejju 2006 in kwantu cahad it-talba taghhom ghall-gustifikazzjoni tal-assenza taghhom fl-appell, u hekk juzaw il-procedura kostituzzjonali bhala procedura t'appell, kif ukoll minhabba r-raguni moghtija fl-ewwel paragrafu, din il-procedura hija abbuziva u frivola u vessatorja u ghalhekk ghandha tkun dikjarata bhala tali.

3. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tar-rikorrent Joseph Angilleri, in kwantu dan ir-rikorrent qed jallega ksur tad-dritt ta' smigh xieraq peress li l-Qorti tal-Magistrati tat sentenza fl-assenza tar-rikorrenti l-ohra, din il-procedura fil-konfront tieghu hija nieqsa mill-interess guridiku mehtiega biex persuna tibda procedura taht l-**artikolu 46 tal-Kostituzzjoni**, kif ukoll hija abbuziva u frivola u vessatorja minhabba din ir-raguni u peress li fir-rigward ta' dan ir-rikorrrent, il-procedura kienet korretta mill-bidu u fil-fatt ghandha pendenti. Jidher car li r-rikorrenti Angilleri qed jittenta kif nghidu bil-Malti jbill subghajh u jiggwadanja mis-sitwazzjoni f'kaz li r-rikorrenti l-ohra igibuha zewg.

4. Illi fil-mertu in kwantu r-rikorrenti jallegaw ksur tal-**artikolu 39 (1) (6) (c) u (d)** u l-ahhar paragrafu tal-

artikolu, l-esponenti jissottomettu li m' hemm l-ebda ksur ta' dawn l-artikoli *stante* li, kif se jkun pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz, ir-rikorrenti f'kull kaz dejjem kellhom jirrapprezentahom fl-Awla lill-konsulent legali taghhom u kellhom l-opportunita` shiha li jezaminaw ix-xhieda kollha in ezami u kontro-ezami. Jinghad ukoll li jirrizulta car li r-rikorrenti barra Joseph Angilleri m'attendewx fl-Awla matul il-procedura ghax dik kienet ix-xewqa taghhom u ma kellhom lil hadd jisfurzahom biex ma jidhrux. L-ahhar paragrafu tal-artikolu 6 jipprovdi car li l-proceduri kriminali jridu jsiru fil-presenza tal-akkuzati diment li dawn ma jaghtux il-kunsens taghhom mod iehor. F'dan il-kaz, ir-rikorrenti barra Joseph Angilleri hadu decizjoni li ma jidhrux liberament u ghalhekk issa ma jistghux jilmentaw minhabba l-agir taghhom stess (ara f' dan is-sens decizjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem **Poitrimol vs France** (1993). Ara wkoll decizjonijiet tal-istess Qorti **Lala vs Netherlands** (1994), **Pelladoah vs Netherlands** (1994), **Van Gehseghem vs Belgium** (1999). Dawn it-tliet sentenzi sabu li jekk akkuzat jaghzel li ma jidhirx fil-proceduri kriminali kontrieh, dan dejjem ghandu jithalla jkollu konsulent legali fl-Awla, u dan hu dak li gara f'dan il-kaz.

5. Illi dak li nghad fil-paragrafu 4 jghodd ukoll ghall-allegazzjonijiet ta' ksur tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni** u ghalhekk lanqas f'dan ir-rigward m' hemm xi ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

6. Illi m'hemm l-ebda ksur ta' smigh xieraq fil-konfront tar-rikorrenti fir-rigward tal-proceduri fl-istadju ta' appell, *a tenur* li l-Qorti tal-Appelli Kriminali mxiet skond il-ligi u ddikjarat l-appell dezert ladarba r-rikorrenti ghazlu li ma jidhrux ghas-seduta u minkejja li kienu mwissija dwar il-konsegwenzi tal-ghemil taghhom. F'dan l-istadju tal-proceduri, l-ghazla tar-rikorrenti kienet assolutament libera u hadd ma sfurzahom ma jidhrux.

7. Illi dwar l-ilmenti tar-rikorrenti dwar il-punt tan-nullita` tar-rikors tal-appell ghaliex ma ntalabx is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza, jinghad li, ghalkemm huwa veru li l-gurispurdenza ma hijiex konkordi, hemm

gurisprudenza li tghid li din it-talba tista’ ssir anke matul il-perijodu kollu li fih jista’ jkun interpost appell. (ara f’ dan is-sens **Pulizija vs Andre` Sant** deciza 14 ta’ Awissu 2003 Qorti tal-Appelli Kriminali (per Onor. Prim Mhallef V.DeGaetano)

Ghalhekk ir-rikorrenti kellhom il-possibbilta` kollha li anke jekk ma dehrux waqt l-ghoti tas-sentenza, setghu jitolbu s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza matul iz-zmien tal-appell. Is-semplici fatt li appellaw mis-sentenza fit-termini tal-ligi hija ndikazzjoni cara li kienu jafu bis-sentenza bil-konsegwenza li setghu jitolbu s-sospensjoni ta’ l-ezekuzzjoni taghha. Hekk ir-rikorrenti kellhom ukoll rimedju iehor rigward dan il-punt tan-nullita` tal-appell.

L-**artikolu 416(1) u (1A) tal-Kodici Kriminali** jipprovdi:

*(1) Il-persuna misjuba hatja li ma tkunx taht arrest ghar-reat li tieghu tkun giet misjuba hatja tista’, meta tiddikjara, imqar bil-fomm, li trid tappella mis-sentenza, taqla’ mill-Qorti Inferjuri ttwaqqif ta’ l-eskuzzjoni tas-sentenza, kemm-il darba taghti garanzija tajba, skond l-**artikolu 577 (1)**, li tidher ghal kull att tal-kawza quddiem il-Qorti Superjuri kull darba li tigi msejha minn dik il-Qorti; u f’dan il-kaz jghoddu d-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikoli 579, 581, 583, 585, 586 u 587**.*

*(1A) Meta l-parti misjuba hatja li ma tkunx taht arrest ghar-reat li tieghu tkun giet misjuba hatja tigi kkundannata ghal prigunerija jew detenzjoni u minnufih qabel is-sejbien ta’ htija dik il-persuna kienet qed tgawdi l-helsien mill-arrest kif provdut fit-Titolu IV tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb ta’ dan il-Kodici, il-kondizzjonijiet relattivi ghal dak il-helsien mill-arrest, inkluz il-mod ta’ garanzija u s-somma jew plegg ekwivalenti, jekk ikun il-kaz, specifikati fil-helsien mill-arrest taht garanzija, ghandhom jibqghu japplikaw b’ zieda mal-granzija mehtiega taht is-**subartikolu (1)** malli jinkiseb waqfien fl-esekuzzjoni tas-sentenza kif provat f’ dak is-subartikolu sew sakemm jiskadi z-zmien biex jista’ jigi pprezentat l-appell jekk ma jigi pprezentat ebda appell, sew jekk xort’ ohra sa meta jigi deciz l-appell.*

Ghaldaqstant jirrizulta car li m'hemm l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontrihom.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrenti datata 15 ta' Dicembru 2006 a fol. 140 tal-process.

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-intimati datata 18 ta' Gunju 2007 a fol 159 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2007 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Andrew Borg Cardona u Dr. Simon Micallef Stafrace ghar-rikorrenti, u Dr. Joseph Bonello ghall-intimat. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Mejju 2008.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi permezz ta' dan ir-rikors kostituzzjonali qed jallegaw li gie lez fil-konfront taghhom id-dritt ta' smigh xieraq *ai termini* tal-**artikolu 39 (1) (6) (c) u (d) u l-paragrafu ahhari ta' l-istess artikolu** u tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** mill-Qorti tal-Magistrati meta halliet il-proceduri jitmexxew fl-assenza ta' l-imputati u sahansitra tat sentenza fl-assenza taghhom kif ukoll mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali meta ma rrimedjatx is-sitwazzjoni.

Illi jirrizulta li d-Dipartiment ghar-Relazzjonijiet Industrijali u ta’ l-Impiegi harrek lir-rikorrenti kollha fuq att ta’ akkuza wahda fil-kwalita’ taghhom ta’ diretturi u/jew rappresentanti guridici tas-socjeta’ Gozo Channel Co Ltd biex jirrispondu ghal akkuza koncernanti allegazzjonijiet da parti ta’ certa Dulcima Aquilina, ex impjegata tas-socjeta’ kummercjali Gozo Channel Co Ltd li ma kenitx thallset dak kollu dovut lilha bhala paga.

Illi dakinhar tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati deher biss Joseph Angilleri flimkien mal-avukat tieghu Dr. Simon Micallef Stafrace u dan jinghad li assuma r-responsabbilita’ ta’ l-atti. Wara li gew konkluzi l-proceduri inghatat sentenza wahda fil-konfront ta’ l-akkuzati kollha fl-assenza taghhom mill-Awla hlief ghal Angilleri. Dakinhar tas-sentenza cioe’ fl-20 ta’ Frar 2006 Joseph Angilleri talab is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza peress li kien bi hsiebu jappella u sar appell li kien fil-forma solita ta’ rikors bl-istess okkju tas-sentenza appellata u allura ghan-nom tal-imputati kollha, r-rikorrenti kollha odjerni.

Illi l-appell interpost kien fih diversi aggravji izda l-ebda wiehed minnhom ma kien relatat ma’ l-assenza tal-akkuzati waqt jew waqt l-ghoti tas-sentenza il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Illi fil-proceduri quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, jidher li gie kkunsidrat li kien hemm diversi appelli daqs kemm kien hemm imputati, tant li jirrizulta li kien hemm verbali ghal dawk li huma indikati bhala appell numri 47/2006 sa 55/2006 kollha fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Angilleri Joseph’ hlief ghal dak numru 50/2006 li gie intestat fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Victor Galea Pace”.

Illi jidher li f’kull verbal ta’ kull appell hemm indikat li fl-ewwel dehra deher biss l-appellant Joseph Angilleri assistit mill-Avukat Dr. Andrew Borg Cardona u Dr. Simon Micallef Stafrace, u jirrizulta li ineffetti l-istess difensuri kienu qed jidhru ghall-appellanti kollha. Jidher li f’dan l-istadju r-rapprezentant legali tal-Avukat Generali rrileva li l-appell tar-rikorrenti kollha, hlief ghal Joseph Angilleri ma kienx validu kemm ghaliex ma ntalbitx sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza u ma nghatatx garanzija kif irid l-**artikolu 416 tal-Kodici Kriminali** u ghaliex l-appell kien

dezert *ai termini* ta’ l-**artikolu 422 tal-Kodici Kriminali** ghaliex l-istess appellanti ma dehrux. Meta raw hekk l-abbli difensuri tal-appellanti kollha ssottomettew li *stante* li l-proceduri nferjuri sehhew u nghatat sentenza fl-assenza ta’ l-akkuzati kollha hlief Angilleri, l-istess proceduri kollha huma nulli.

Illi fis-26 ta’ April 2006 f’decizjoni unika l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali ddikjarat l-appelli kollha barra dak ta’ Joseph Angilleri bhala dezerti *stante* l-assenza ta’ l-istess imputati allura appellanti u dan wara li l-Qorti sostniet li huwa minnu li meta hemm nullita’ tas-sentenza minhabba ragunijiet ta’ ordni pubbliku - bhal meta proceduri penali jitmexxew kontra l-akkuzat fl-assenza tieghu, hlief fil-kaz fejn il-ligi tippermetti li dan isir - thassar is-sentenza ghalkemm hadd mill-partijiet ma jkun ressaq l-aggravju. Madankollu, biex taghmel hekk, irid ikun hemm imgieb validament quddiemha l-kaz bil-procedura ta’ l-appell. Jekk ma jkunx quddiem din il-qorti – jew ghax l-appell ma sarx jew ghax ma sarx sew jew ghax gie dezert – din il-qorti ma jkollhiex is-setgha li tintervjeni fil-kaz u ghalhekk minhabba l-assenza ta’ l-appellanti hlief Joseph Angilleri, ddikjarat l-appell fil-kontront tal-istess appellanti li ma dehrux bhala dezert skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 422 tal-Kap 9.**

Illi l-istess appellanti ndikati pprezentaw rikors *ai termini* ta’ l-**artikolu 422 (1) tal-Kap 9** fejn sostnew anke b’dikjarazzjoni guramentata annesa li huma ma dehrux ghall-proceduri quddiem l-appell peress li kienu taht l-impressjoni li ladarba l-proceduri fil-qorti ta’ l-ewwel istanza saru fl-assenza taghhom  kien bizzejjed li jidher wiehed minnhom, l-istess procedura kienet ser tigi segwieta fil-Qorti ta’ l-Appell, u jidher li minhabba kif zviluppaw l-affarijiet huma gew imcahhda milli l-appell taghhom jigi trattat inkluz l-punt ta’ nuqqas ta’ smigh xieraq proprju ghaliex gew kondotti proceduri u nghatat sentenza fl-assenza taghhom. Illi b’digriet taghha datat 3 ta’ Mejju 2006 l-istess Qorti tal-Appell sostniet li l-istess rikorrenti naqsu milli jfissru espressament ir-raguni, li ghandha tkun indipendenti mill-volonta’ taghhom, ghala naqsu milli jidhru fil-jum ta’ smigh ta’ l-appell, izda minflok

fissru r-raguni ghala ma dehrux quddiem il-Qorti tal-Magistrati u ghalhekk la darba r-rikors ma sarx skond kif irid l-**artikolu 422 (1) tal-Kap 9** cahdet it-talba.

Illi r-rikorrenti qed isostnu li la darba l-procedura li giet segwieta fil-Qorti tal-Magistrati ma gietx segwieta fil-Qorti tal-Appell u dan ghaliex il-prosekuzzjoni qajmet il-punt li l-assenza ta' l-appellanti waqt li l-appell kien iwassal ghad-dezerzjoni ta' l-istess appell, huma kellhom id-dritt li jecepixxu li l-proceduri quddiem l-ewwel Qorti kienu nulli u dan peress li sar is-smigh u l-ghoti tas-sentenza fl-assenza taghhom,u ghalhekk huma qed isostnu li hemm ksur tad-dritt ta' smigh xieraq skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 39 (1) (6) (d) u l-paragrafu ahhar ghaliex il-Qorti tal-Magistrati halliet il-proceduri jitmexxew fl-assenza ta' l-imputati u l-Qorti tal-Appell ma rrimedjatx ghas-sitwazzjoni, u din hija kwistjoni mill-iktar serja peress li bil-mod kif il-proceduri gew kondotti fl-ewwel istanza dawn il-proceduri huma ghal kollox nulli u bla effett.

Illi l-Avukat Generali eccepixxa preliminarjament li din il-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikors *ai termini* tal-**artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni,** fost eccezzjonijiet preliminari ohra, filwaqt li fil-mertu eccepixxa li m'hemm l-ebda ksur tad-dritt ghal smigh xieraq.

Illi ghalhekk fl-ewwel lok jehtieg li tigi trattata l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali u cioe' li r-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji.

Illi nghataw diversi sentenzi fuq din il-materja li fihom gew stabbiliti principji li ghandhom jigu segwiti minn Qorti biex tqis jew huwiex minnu li r-rikorrent kellu ghad-disposizzjoni tieghu rimedju alternattiv effettiv. Fost dawn il-principji wiehed isib li (a) meta jidher car li jezistu mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri ghal tali mezzi qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li ghandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-

diskrezzjoni li tuza’ l-Qorti biex tqis jekk ghandhiex twettaq is-setghat taghha li tisma’ kawza ta’ natura kostituzzjonali ghandha torbot, sakemm ma tingiebx xi raguni serja u gravi ta’ illegalita`, ingustizzja jew zball manifest fl-uzu taghha; (c) m’hemm l-ebda kriterju stabbilit minn qabel dwar l-uzu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull kaz jehtieg jigi mistharreg fuq ic-cirkostanzi tieghu;

Illi (d) fil-fatt in-nuqqas wahdu ta’ tehid ta’ mezzi ordinarji mir-rikorrent m’huwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta’ xejra kostituzzjonali taqtaghha li ma tuzax is-setghat taghha li tisma’ l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kienux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent ghall-ilment tieghu; (e) in-nuqqas ta’ tehid ta’ rimedju ordinarju – ukoll jekk seta’ kien ghal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent – minhabba l-imgiba ta’ haddiehor m’ghandux ikun raguni biex il-Qorti twarrab is-setghat taghha li tisma’ l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent (P.A. (K) (VDG) **“Victor Bonavia vs. L-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar et”** - 9 ta’ Frar 2000,); (f) l-ezercizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni taghha bla tistharreg il-materja necessarja li fuqha tali diskrezzjoni ghandha titwettaq, jaghti lil Qorti tat-tieni grad is-setgha li twarrab dik id-diskrezzjoni (Q.K. **“Vella vs. Bannister et”** – 7 ta’ Marzu 1994 - Kollez Vol. LXXXVIII.i.48) u (Q.K. **“Visual & Sound Communications Ltd v. Il-Kummissarju tal-Pulizija”** – 12 ta’ Dicembru 2002); u (g) meta r-rimedju jaqa’ fil-kompetenza ta’ organu iehor jew meta s-smigh tal-ilment tar-rikorrent se jwassal biex l-indagni gudizzjarja u l-process l-iehor tas-smigh tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta’ xulxin, il-Qorti Kostituzzjonali ghandha ttendi lejn ir-rifjut li tuza’ s-setghat taghha kostituzzjonali, sakemm l-indagni gudizzjarja tal-kaz ma tkunx, min-natura taghha, ixxaqqleb izjed lejn kwistjoni kostituzzjonali (P.A. (K) **“Maria Gaffarena v. Kummissarju tal-Pulizija”** – 29 ta’ Marzu 1993).

Illi d-diskrezzzjoni li l-Qorti taghzel li tiehu jekk twettaqx jew le s-setghat taghha kostituzzjonali biex tisma’ kawza ghandha tigi ezercitata bi prudenza, b’mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta’ drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqqleb lejn it-twettiq ta’ dawk is-

setghat (Q.K**. "David Axiaq v. Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku"** – 15 ta' April 2004). Irid dejjem jitqies li din id-diskrezzjoni ghandha dejjem tigi uzata fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja u tohloq bilanc biex, mill-banda l-wahda, twaqqaf lil min jipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali, u mill-banda l-ohra zzomm milli jigi mahluq xkiel bla bzonn lil min genwinament ifittex rimedju kostituzzjonali (Q.K. **"Mediterranean Film Studios Limited v. Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta et"** – 31 ta' Ottubru 2003).

Illi fis-sentenza **"Anton Scicluna pro et noe vs Prim Ministru"** (PA – 21 ta' April 1995) inghad is-segwenti :-

*"Dan il-proviso ghalhekk mhux xi wiehed li jista' jittiehed b'mod laxk jew kapriccuz. Mhux intiz biex il-Qorti tahrab mir-responsabbilta'; izda min-naha l-ohra l-Qorti ghandha l-obbligu li f'certu cirkostanzi tirrifjuta li tezercita' s-setghat taghha f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra. Altrimenti tkun qeghda tagixxi ta' Qorti tat-tielet istanza – haga li tmur kontra l-ligi. Jekk kien hemm mezzi xierqa ohra l-Qorti ghandha tiddirigi ruhha lejn ir-rifjut tal-ezercizzju tas-setghat taghha taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, mhux biss meta ma jistax isir mod iehor ghaliex ir-rimedju jkun essenzjalment residenti quddiem Qorti ohra, imma anke meta l-indagini gudizzjarja u r-rimedju ghall-ilment ikunu sostanzjalment duplikati fiz-zewg mezzi miftuha ghal min ikun qieghed iressaq l-ilment. Ir-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli. Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, il-Qorti m'ghandhiex tikkonsidra li tezercita l-gurisdizzjoni sakemm ma jirrizultax li dak il-possibli rimedju ma kienx pero' se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent. Ghalhekk ma hux indikat – jekk mhux f'kazijiet verament eccezzjonali li jikkonvincu lill-Qorti mod iehor- illi l-ewwel Qorti tezercita s-seghat taghha sakemm kienu, huma jew ghadhom, miftuhin ghar-rikorrent rimedji ohra adegwati fil-parametri tal-ordinament gjudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta' appell kif*

*ukoll dawk straordinarji permezz ta' ritrattazzjoni. 'Sakemm tibqa' l-possibbilita' li l-lezjoni tad-dritt fundamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha."*

Illi l-Avukat Generali sostna li r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju izda huma naqsu li jutilizzawh. Ir-rikorrenti ghazlu li ma jimxux mal-ligi tal-procedura kriminali partikolarment l-**artikolu 422 tal-Kodici Kriminali.** Li kieku segwew il-provediment tal-ligi u attendew ghall-ewwel dehra fl-appell, kieku l-appell taghhom ma kienx imur dezert u setghu jiddibattu quddiem dik il-Qorti n-nullita' *o meno* tal-proceduri fil-Prim'Istanza, kif ukoll l-appell fil-mertu.

Illi ghal din l-eccezzjoni ir-rikorrenti fin-nota taghhom sostnew li huma kienu fl-impossibilita' guridika li jaghmlu dan peress li fir-rigward tar-rikorrenti kollha, hlief Angilleri, legalment ma jistax jinghad li nghatat sentenza. b'hekk huma ma kellhomx appell x'jinterponu u kien biss meta l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali akkordat it-tezi tal-prosekuzzjoni li l-appell kien null (liema appell sar biss fl-ismijiet ta' l-akkuzati kollha biex l-okkju tal-kaz jinzamm l-istess) li r-rikorrenti kellhom jirrikorru lil din l-Onorabbli Qorti.

Illi din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi kollha tal-kaz jindikaw li pendenza odjerna sehhet proprju ghaliex fil-waqt li fl-ewwel istanza l-proceduri kollha tmexxew fl-assenza tar-rikorrenti kollha minhabba Joseph Angilleri, fil-proceduri quddiem l-appell, fuq insistenza tal-prosekuzzjoni dan tbiddel, peress li tqajjem il-punt *inter alia* li bl-assenza tal-istess appellanti, l-appell taghhom ma setghax jinstema' u kellu jmur dezert.

Illi huwa veru li kieku l-istess appellanti dehru quddiem il-Qorti tal-Appell setghu qajjmu l-punt tan-nullita' tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-ewwel istanza, izda jinghad li kieku l-appellanti kienu prezenti ghall-appell, dan il-punt ma kien ser jitqajjem minn hadd, ghaliex il-prosekuzzjoni

ma kellhiex ghalfejn titlob li l-appell jigi ddikjarat dezert, u huwa car li l-appellanti ma kienux ser iqajmu dan il-punt, tant li lanqas biss issemma’ fl-appell minnhom interpost, li huwa kollu kemm huwa ddedikat ghall-mertu tal-istess sentenza quddiem il-Qorti tal-Prim’Istanza. Dan minkejja l-fatt li l-punt jekk tali sentenza ta’ l-ewwel istanza hijiex nulla ghaliex inghatat fl-assenza ta’ l-imputati hija wahda ta’ ordni pubbliku u tista’ titqajjem mill-istess Qorti *ex ufficio.* Dwar il-punt l-iehor li l-appellanti li ma dehrux fil-prim’istanza ma talbux is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza u ma tawx il-garanzija skond l-artikolu 416 certament li dan setgha jigi rimedjat fil-proceduri tal-appell stess kieku l-istess thallew jittrattaw l-appell taghhom u dan anke *in vista* ta’ dak li nghad mill-intimat stess fir-risposta tieghu li hemm gurisprudenza fis-sens li tali talba tista’ ssir anke matul il-perjodu kollu li fih jista’ jkun interpost appell (**“Pulizija vs Andre’ Sant”** – A. K. (VDG) – 14 ta’ Awissu 2003).

Illi f’cirkostanzi bhal dawn, u konsiderando s-serjeta’ tal-kaz, din il-Qorti thoss li hawnhekk ghandha ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **“Joseph Bartolo vs L-Onor. Prim Ministru et”** (Q.K. App.Nru:581/97/1 deciza fit-2 ta’ Dicembru 2003) fejn l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali tenniet:-

*“Kif gie deciz diversi drabi minn din il-Qorti (ara, per ezempju,* ***Edward Zahra v. Awtorita’ ta’ l-Ippjanar,*** *31 ta’ Mejju, 1999) anke’ jekk il-Prim Awla tasal ghall-konkluzjoni li r-rikorrent kellu tali mezzi a disposizzjoni tieghu u ma uzahomx, dik il-Qorti xorta wahda tista’ tiddeciedi li tinvesti l-meritu mil-lat kostituzzjonali ossia ta’ drittijiet fondamentali, u dan peress li l-proviso in kwistjoni jaghmilha cara li f’tali sitwazzjoni l-Prim’ Awla “…tista’…tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha…” u mhux “…ghandha…tirrifjuta…”. Tali diskrezzjoni (diskrezzjoni riflessa fil-kliem “jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel”) ghandha s’intendi dejjem gustizzja biex min-naha l-wahda il-Prim Awla kif ukoll din il-Qorti – il-Qorti Kostituzzjonali – ma jigux inundati b’kawzi li jistghu jigu determinati minn Qrati ohra u/jew bi proceduri ohra, u min- naha l-ohra c-cittadin (jew persuna guridika, skond il-*

*kaz) ma jigix ipprivat mir-rimedji li hu ghandu dritt ghalihom taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Kap.319. Dan il-hsieb gie espress bl-aktar mod car mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-5 ta' Dicembru, 1986 fil-kawza fl-ismijiet* ***Tonio Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et*** *(deciza finalment mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' April, 1991), fejn intqal hekk:*

*"Il-legislatur kostituzzjonali kkonferixxa lil din il-Qorti (u lil ebda persuna jew awtorita' ohra) din id-diskrezzjoni wiesgha fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja biex minn banda 'l wahda tkun tista' twaqqaf, jekk ikun hemm bzonn anke hesrem, lil min ipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali u mill-banda l-ohra tkun tista' timpedixxi li jigu kreati ostakoli bla bzonn fit-triq ta' min ikun jidher li genwinament ikun qieghed ifittex ir-rimedju kostituzzjonali. Il-fattispeci u c-cirkostanzi partikolari kollha tal-kaz ghandhom jigu ezaminati ghaliex b'hekk biss il-Qorti tkun tista' tasal biex tiddeciedi jekk ikunx desiderabbli li tiddeklina illi tezercita s-setghat taghha. (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet* ***Mediterranean Film Studios Ltd v. Il-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta et*** *deciza fil-31 ta' Ottubru,2003). Sakemm id-diskrezzjoni tigi ezercitata minn dik il-Qorti b'mod ragonevoli, din il-Qorti (cioe' l-Qorti Kostituzzjonali) m'ghandhiex tiddisturba l-konkluzjoni milhuqa, li tkun effettivament l-ezitu ta' l-uzu 'korrett' ta' dik id-diskrezzjoni." deciza fil-31 ta' Ottubru,2003). Sakemm id-diskrezzjoni tigi ezercitata minn dik il-Qorti b'mod ragonevoli, din il-Qorti (cioe' l-Qorti Kostituzzjonali) m'ghandhiex tiddisturba l-konkluzjoni milhuqa, li tkun effettivament l-ezitu ta' l-uzu 'korrett' ta' dik id-diskrezzjoni."*

Illi tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti thoss li ghandha tezercita d-diskrezzjoni taghha u tiehu konjizzjoni tal-lamentela kostituzzjonali tar-rikorrenti odjerni, u dan anke ghaliex din ghandha mportanza serja fuq id-dritt fundamentali ta' smigh xieraq quddiem il-Qorti, u jidher li kif gara f'dan il-kaz, l-appell tar-rikorrenti u wkoll is-sottomissjonijiet maghmula minnhom quddiem il-Qorti tal-Appell baqghu ma gewx trattati, u dan minkejja l-presenza

tal-avukati difensuri taghhom, u minkejja l-fatt li jidher car li huma kellhom kull intenzjoni li jsostnu l-appell taghhom.

Illi **l-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jipprovdi li:-

*"Kull qorti jew awtorita' ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u mparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita' ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli"*

*"(6) Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali –*

*(c) ghandu jithalla jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta' rappresentant legali ………..".*

*(d) ghandu jigi moghti l-facilitajiet biex jezamina personalment jew permezz tar-rapprezentant legali tieghu x-xhieda msejha mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li jikseb l-attendenza ta' xhieda suggett ghall-hlas ta' l-ispejjez ragonevoli taghhom, u jaghmel l-ezami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu quddiem il-qorti bl-istess kondizzjonijiet bhal dawk li jghoddu ghal xhieda msejha mill-prosekuzzjoni;*

*"u hlief bil-kunsens tieghu stess il-proceduri ma jistghux jinzammu fl-assenza tieghu hlief jekk huwa jgib ruhu hekk li jaghmel it-tkomplija tal-proceduri fil-presenza tieghu imprattikabbli u l-qorti tkun ordnat li jigi mwarrab u li l-proceduri jitkomplew fl-assenza tieghu".*

Illi **l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea** jipprovdi illi:-

*"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn*

*parti minnhom fl-interess tal-morali, ta' l-ordni pubbliku jew tas-sigurta' nazzjonali f'socjeta' demokratika, meta l-interessi ta' minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew sa fejn ikun rigorozament mehtieg, fil-fehma tal-Qorti, f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicita' tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja."*

*(3) Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu d-drittijiet minimi li gejjin:-*

*(c) li jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta' assistenza legali maghzula minnu stess………..".*

*(d) li jezamina jew li jara li jigu ezaminati xhieda kontra tieghu u jottjenti l-attendenza u l-ezami ta' xhieda favur tieghu taht l-istess kundizzjonijiet bhax-xhieda kontra tieghu".*

Illi dan l-artikolu jipprovdi ghal dritt generali ta' *"smigh xieraq"* u numru ta' drittijiet specifici u jelabora aktar drittijiet fir-rigward ta' dawk li jkunu qed jigu akkuzati b'akkuzi kriminali, fosthom ukoll id-dritt ghal tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi.

Illi fis-sentenza "**Domenico Savio Spiteri vs A.G. et**" (Rik. Kost.746/00/RCP – P.A. (S.K.) (RCP) 2 ta' Ottubru 2001) inghad li:-

*"Fis-sentenza **"St. Paul's Court Limited vs L-Onor.P.M.et noe"** (Rik. Kost. Nru: 552/96VDG) deciza fis-16 ta' Settembru 1998) l-istess Qorti sostniet li:-*

*Kif tajjeb josservaw l-awturi **Harris, O'Boyle u Warbrick**:-*

*"In contrast with the other more precise guarantees in Article 6 (1), the right to a fair hearing has an open-ended, residual quality".*

*Illi dwar l-istess artikolu nghad fis-sentenza **"Kostovski vs The Netherlands"** (20 ta' Novembru 1989. Series A-166 12 EHRR434) li:-*

*"The effect of Article 6 (1) is, inter alia, to place the 'tribunal' under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessment of whether they are relevant to its decision".*

*Illi minkejja dan xorta jista' jinghad li l-elementi kollha ta' dan id-dritt ma jistax jigu definiti a priori u specifikatament stante li l-istess principju hawn kawtelat huwa tassew wiesa' tant li nghad li:-*

*"It is a nebulous concept which absorbs other elements not explicitly mentioned in Article 6 but which are considered essential for deciding whether a fair hearing has occurred on the particular facts of a given case".*

*"The right to a fair hearing requires a court to appreciate impartially all the matters of fact and of law submitted to it by both parties with reference to the particular issue which it is called upon to decide, since, as held by the European Commission, it is not possible to state in the abstract the content of this requirement."* **("The Right To Be Heard By An Independent and Impartial Tribunal"** (1997) **Dr. Roberta Gauci LL.D)".**

*Inoltre'* fil-ktieb **"Article 6 of the European Convention on Human Rights – The Right To A Fair Trial"** ta' ***Andrew Grotrian*** jinghad illi:-

*"The requirement of fairness covers the proceedings as a whole, and not only those in an oral hearing. The question of whether a person has had a 'fair hearing' is thus approached by looking at the whole proceedings, although a particular incident may have a decisive effect."*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Fatiha Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et"** (P.A. (VGD) – 28 ta' Dicembru 2001 fejn inghad li:-

*"Fi kliem iehor, ghalkemm wiehed irid ihares lejn il-proceduri fit-totalita' taghhom, certi mankanzi, jew anke aspett partikolari wiehed, jistghu jkunu tant determinanti*

*ghall-ezitu ta' kawza fil-kaz konkret li dawk il-mankanzi flimkien jew dak in-nuqqas wiehed partikolari ikunu/ikun bizzejjed biex qorti tasal ghall-konkluzjoni li ma kienx hemm smigh xieraq".*

Illi l-istess indkat awtur fuq imsemmi jelenka l-principji li jinkorpora fih l-imsemmi **Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u dawn jikkonsistu *inter alia f'*:-

*"The most established right added to Article 6 (1) is the principle of the equality of arms. This is important to understand the operation of the underlying principle of 'fairness' and although it is not explicitly expressed in Article 6 (1) it is necessarily implied. This concept comprises the idea that each party should have an equal opportunity to present his case and that neither party should enjoy any substantial advantage over his opponent. This concept of equality of arms was first mentioned in the* **Neumaister case** *(27/6/1968) and has been a feature of Article 6(1) ever since. The Commission has expressed the principle in respect of both criminal and non-criminal cases and in the context of civil cases between private parties, the Court has said:-*

*"The court agrees with the Commission that as regards litigation involving opposing private interests, equality of arms implies that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case – including his evidence – under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis a vis his opponent."* **("Dombo Beheer BV vs The Netherlands***", 27 ta' Ottubru 1993)".*

Illi fil-kaz odjern din il-Qorti thoss li dak li huwa taht ezami huwa l-fatt li meta l-appell tar-rikorrenti gie appuntat ghas-smigh, dehru biss rikorrent wiehed u ghar-rikorrenti l-ohra dehru d-difensuri taghhom, l-istess kif fil-fatt kien gara fil-Qorti tal-prim'istanza, izda fil-waqt li l-prosekuzzjoni ma ghamlet l-ebda oggezzjoni fil-proceduri quddiem l-Qorti tal-ewwel istanza dwar l-assenza hemmhekk tal-maggoranza tal-imputati, fil-Qorti tat-Tieni Grad, tqajjmet din l-eccezzjoni li l-konsegwenza taghha kienet li l-appell

tar-rikorrenti assenti baqa' ma nstemghax ghaliex gie ddikjarat dezert *proprio* minhabba l-assenza tal-appellanti; fil-fatt lanqas gie trattat aggravju iehor li tqajjem per konsegwenza tal-punt imqajjem mill-prosekuzzjoni, dwar in-nullita' tal-proceduri tal-prim'istanza proprju ghaliex saru u inghatat sentenza fl-assenza tal-istess appellanti ndikati. Fil-fatt jidher li f'dan il-kaz quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, gie applikat l-**artikolu 422 (1)** li jipprovdi li meta l-appellant ma jidhirx, l-appell jigi ddikjarat dezert, u jista' jigi ri-appuntat biss jekk isir rikors bil-mod hemm indikat jekk jintwera li minhabba mard jew raguni ohra indipendenti mill-volonta' ta' l-appellant huwa ma setghax jidher fid-data ta' l-appell, u l-Qorti sabet li r-rikors li effettivament sar ma kien hemm ebda raguni bhal din izda biss raguni ghaliex ma dehrux quddiem il-Qorti tal-prim'istanza.

Illi din il-Qorti thoss li kemm l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** u kemm l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** jipprovdi ghad-dritt tal-akkuzat li jkun jista' jiddefendi l-kaz tieghu permezz ta' l-assistenza legali (**Lala and Pelladoah v. France** 22.09.1994) tant li nghad li ghalkemm huwa dritt ta' akkuzat li jidher ghall-proceduri quddiem il-Qorti, l-assenza tieghu, *"cannot - even in the absence of an excuse – justify depriving him of his right under Article 6 para 3 of the Convention to be defended by counsel. It was for the courts to ensure that a trial was fair and, accordingly, that counsel who attended trial for the apparent purpose of defending the accused in his absence was given the opportunity to do so".*

Illi fil-kaz **"Van Geyseghem v. Begium"** (21.01.1999) inghad li *"that the interest in being adequately defended prevailed. The right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer is one of the basic features of a fair trial. An accused does not lose this right merely on account of not attending a court hearing. Even if the legislature must be able to discourage unjustified absences, it cannot penalize them by creating exceptions to the right to legal assistance. The legitimate requirement that the defendants must attend court*

*hearings can be satisfied by means other than deprivation of the right to be defended”.*

Illi f’dan il-kaz din il-Qorti thoss li ghandha taghmel riferenza ghall-*Concurring Opinion of Judge Bonello* fejn jinghad li l-artikolu 6 para 3 taghti lill-akkuzat ghazla li jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta’ l-assistenza legali, b’dan li taht l-ewwel istanza jista’ jiddefendi ruhu personalment jew *tramite* l-avukat tieghu, u fit-tieni istanza jista’ ma jidhirx u id-difiza tieghu tigi kondotta minn avukat tal-fiducja tieghu tant li nghad li fl-ambitu tad-dritt ta’ smigh xieraq *“discharging the appeal without any hearing was massively more destructive to the well-being of a fair trail than hearing pleadings in the absence of the accused. I am puzzled and disturbed by an appeal system that, in substance, endures convictions in absentia, but proscribes defense or acquittals in absentia. The weighting against the defendant appears manifestly too overbearing. That system allows a lot to the defendant, except a defense……..What should be discouraged is the transfiguration of a privilege of the defendant into an onerous responsibility, which divests him of his right of defense should he chose not to exercise his fundamental right to attend”.*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami din il-Qorti thoss li jirrizulta car li fil-waqt li fl-ewwel istanza l-assenza ta’ l-imputati ma saritx oggezzjoni ghaliha *da parte* tal-prosekuzzjoni, jidher li din il-posizzjoni tbiddlet fl-istadju ta’ l-appell, u dan meta l-istess appellanti kienu debitament assistiti mid-difensuri taghhom, li rrinfaccati bis-sottomissjoni li l-appell kellu jigi ddikjarat dezert fil-konfront tal-appellanti li ma dehrux, qajjmu ghall-ewwel darba l-punt li l-proceduri kollha tal-prim’istanza kienu nulli ghaliex saru u inghatat sentenza fl-assenza tal-istess imputati, punt li fuq kollox huwa ta’ ordni pubbliku wkoll. L-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-waqt li rrikonoxxiet li l-punt imqajjem dwar in-nullita’ ta’ proceduri tal-prim’istanza minhabba l-assenza ta’ l-imputati hija punt ta’ ordni pubbliku u li tista’ titqajjem *ex ufficio*, xorta wahda ma kkonsidratx dan l-aggravju, u lanqas l-aggravji li tqajjmu fir-rikors tal-appell peress li sostniet li l-appell huwa dezert

abbazi ta' l-**artikolu 422 (1)** minhabba l-assenza ta' l-appellanti, u wkoll wara cahdet li l-appell jigi riappunttat peress li fir-rikors li sar abbazi ta' l-**artikolu 422 (1)** ma kien hemm ebda raguni ghaliex l-appellanti ma dehrux indipendenti mill-volonta' taghhom.

Illi din il-Qorti thoss li bil-mod kif gew applikati l-istess artikoli tal-ligi, effettivament dak li sehh kien li l-appellanti ma nghatawx l-opportunita' li jiddefendu l-kaz taghhom fl-assenza taghhom u juttilizzaw id-dritt li ghandhom skond l-**artikolu 39 tal-Kostitizzjoni** u **artikolu 6 tal-Konvenzjoni**, li jaghmlu dan permezz tad-difensuri taghhom, li effettivament kienu prezenti u lesti sabiex jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom, b'dan ghalhekk li din il-Qorti thoss li d-decizjonijiet u provedimenti tas-26 ta' April 2006 u tat-3 ta' Mejju 2006 tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, anke bl-applikazzjoni tal-**artikolu 422 tal-Kap 9,** kissru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ghas-smigh xieraq, u dan peress li mpedixxa lilhom milli jithallew jittrattaw l-appell taghhom fuq il-mertu u dan kemm in kwantu dak kontenut fir-rikors u kemm in kwantu dak sollevat *seduta stante* dwar il-validita' tal-proceduri fl-ewwel istanza, iktar u iktar *in vista* tan-necessita' tal-presenza ta' l-imputati f'dak l-istadju skond il-provedimenti tal-Kap 9 u wkoll tal-gurisprudenza. Ma hemm l-ebda dubju lanqas li l-provedimenti tal-**artikolu 6 (1)** dwar smigh xieraq japplikaw la darba l-ligi tipprovdi ghall-procedura ta' l-appell, ghall-istadju tal-appell. (**Decourt vs Belgium A 11 (1970); "Raymond Caruana vs Avukat Generali"** – P.A. (GV) - 8 ta' Ottubru 2004).

Illi dan huwa iktar sinifikanti meta fil-procedura nostrali proceduri kriminali ma ghandhomx isiru u s-sentenza ma ghandhiex tinghata fl-assenza ta' l-imputat **(artikolu 375 (a) tal-Kap 9)** hlief skond dak li jipprovdi l-**artikolu 374 (b), 375 (b) u 524 tal-Kap 9 ("Il-Pulizija vs George Fava"** (A.K. (C.A.) – 31 ta' Mejju 1984) u **"Il-Pulizija vs Carmelina Braddick Southgate"** (A.K. (VGD) – 19 ta' Mejju 1997), u dan qed jinghad ghaliex fil-kaz imsemmi **"Van Geyseghem v. Begium"** (21.01.1999) hemm il-ligi kienet tippermetti li l-proceduri jinzammu fl-assenza tal-imputat. F'dan il-kaz din il-Qorti thoss li bil-mod kif imxew

il-proceduri fil-prim'istanza komparat mal-mod kif imxew il-proceduri fl-appell, dan holoq *procedural unfairness* (**"Raymond Caruana vs Avukat Generali"** – Q.K. – 29 ta' Novembru 2004) fil-konfront tal-istess rikorrenti li ma dehrux ghall-appell, u dan billi effettivament in-nuqqas ta' presenza taghhom giet trattata b'mod ghal kollox differenti fiz-zewgt istanzi, b'dannu biss ghalihom fis-sens li ma thallewx jitrattaw l-aggravji taghhom minkejja li kienu debitament rappresentati mid-difensuri taghhom, u minkejja li din il-Qorti thoss li n-nuqqas ta' dehra taghhom fil-Qorti, ma kenitx b'mod kapriccuz, izda ghaliex jidher li gew diretti jifhmu li l-presenza taghhom ma kenitx essenzjali, u dan huwa iktar sinifikanti meta wiehed jikkonsidra l-fatt, li l-istess imputati u appellanti kienu konxji tal-fatt li minkejja l-assenza taghhom fil-prim'istanza, l-proceduri taghhom xorta mxew ghaliex kienet bizzejjed il-presenza ta' wiehed minnhom. Din il-Qorti thoss li huwa fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi li din il-pendenza ghandha u qed tigi deciza.

Illi f'dan il-kuntest hija ta' rilevanza dak li nghad fis-sentenza **"Emanuel Gauci vs l-Avukat Generali"** (P.A. (GC) – 12 ta' Mejju 2006) fis-sens li l-akkuzat ma ghandux jigi mpedut milli juza a vantagg tieghu nuqqas procedurali, iktar u iktar meta l-parti l-ohra kienet konxja ta' l-istess nuqqas procedurali, u dan qed jinghad senjatament ghall-fatt li fl-ewwel istanza l-prosekuzzjoni jidher li bl-ebda mod ma esegiet il-presenza ta' l-imputati minkejja d-disposizzjonijiet tal-ligi, izda dan imbaghad esigietu fl-istadju ta' l-appell u dan meta hija rat li l-istess imputati ma dehrux ghall-appell, u minhabba dan in-nuqqas l-istess appellanti mhux biss ma thallewx jitrattaw l-appell taghhom, izda lanqas biss thallew jittrattaw il-validita' tal-proceduri tal-prim'istanza fuq l-istess mankanzi issa mqajjma mill-prosekuzzjoni, b'dan li jidher li r-regoli tal-process tbiddlu drastikament ghad-dannu biss tal-istess appellanti, b'dan li jista' jinghad li b'hekk inholqot *"disproportionate hindrance"* fil-konfront taghhom u dan huwa importanti fid-dawl tal-principju tar-*rule of law* ghaliex fil-process penali l-akkuzat ghandu jkollu rimedju effettiv sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet tieghu. Huwa ghandu jkollu protezzjoni effettiva tad-drittijiet tieghu.

Aspetti procedurali huma intizi biss biex tigi assikurata l-amministrazzjoni tal-gustizzja. Ghalhekk ir-regoli procedurali u l-applikazzjoni taghhom m'ghandhomx jipprekludu lill-akkuzat li l-appell tieghu jigi trattat fil-mertu, la darba l-ligi tipprovdi ghal tali appell, u b'hekk huwa jkollu rimedju effettiv sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet tieghu.

Illi dan japllika iktar u iktar meta huwa principju generali *'The Court has already stated on a number of occasions that the right of fair trail, as guaranteed by Article 6 (1) of the Convention, must be construed in the light of the rule of law, one of the fundamental aspects of which is the principle of legal certainty, which requires that all litigants should have an effective remedy enabling them to assert their civil rights….. that the rules governing the formal steps to be taken ….are aimed at ensuring the proper administration of justice and compliance, in particular with the aforementioned principle of legal certainty. That being so, the rules in question, or the manner in which they are applied, should not prevent litigants from using an available remedy….A procedural rule has been construed in such a way as to prevent the applicants' action being examined on the merits, with the attendant risk that their right to effective protection would be infringed….Consequently, the Court finds that in deciding, on the basis of a particular strict construction of a particular rule, not to examine the merits of the case, the domestic courts undermined the very essence of the applicants' right to a court, which is part of their right to a fair trail guaranteed by Article 6 (1) of the Convention"* **("Belez and Other vs. Czech Republic"** (Q.E. – 12 ta' Novembru 2002).

Illi tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti thoss li bil-mod kif giet interpretta l-assenza tar-rikorrenti appellanti fil-Qorti ta' l-Appell minkejja l-presenza tal-avukat taghhom kien ghal kollox differenti mil-mod kif giet konsiderata l-assenza taghhom fil-prim'istanza, b'dan li bl-applikazzjoni tal-**artikolu 422 tal-Kap 9** l-istess rikorrenti appellanti assenti ma nghatawx l-opportunita' li l-appell taghhom jigi trattat fuq il-mertu, u dan inkluz l-aggravju mressaq

minnhom dwar in-nullita' tal-proceduri fil-prim'istanza, imqajjem mill-abbli difensuri taghhom bhala eccezzjoni ta' nullita' tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti u dan kif verbalizzat fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2006, u dan meta jirrizulta lil din il-Qorti li l-istess rikorrenti appellanti kollha kemm huma kellhom l-intenzjoni li jappellaw mill-istess sentenza, kien fl-istadju ta' l-appell debitament rappresentati mid-difensuri taghhom li kienu lesti li jittrattaw, u wkoll ma telghux ghall-appell *stante* li l-proceduri sa dak in-nhar kontra taghhom, dejjem tmexxew bl-akwixxenza ta' kulhadd fl-assenza taghhom, u allura jirrizulta li huma fehmu li l-attendenza taghhom ma kenitx necessarja, aktar u aktar meta sa dak in-nhar dan deher li dejjem kien il-kaz, u wkoll tenut kont li huma kienu mharrka minhabba l-allegata posizzjoni li huma kienu jokkupaw fis-socjeta' Gozo Channel Company Limited, li fuq kollox kienet l-entita' li allegatament ma hallsitx lill-impjegata taghha. Dan huwa iktar sinifikattiv meta tikkonsidra li kontra l-imputati kollha kien hemm biss fil-prim'istanza procedura wahda, u fil-fatt sar appell, wiehed, u l-procedura kienet unika ghall-istess rikorrenti u appellanti kollha u fil-fatt sar appell uniku.

Illi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li kien hemm ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem fil-konfront tal-istess rikorrenti, partikolarment fil-konfront ta' dawk li l-appell gie ddikjarat dezert b'decizjoni tas-26 ta' April 2006 tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, u bid-decizjoni tal-istess Qorti datata 3 ta' Mejju 2006 abbazi tal-artikolu 422 (1) tal-Kap 9, u ghalhekk din il-Qorti thassar u tirrevoka l-istess zewg decizjonijiet tal-Onorabbli Qorti tal-Appell u tordna li fil-konfront tal-appellanti jitkompla jinstemgha l-appell fuq il-mertu u dan kemm dwar l-aggravji kollha mressqa mill-appellanti fir-rikors tal-appell taghhom u kif ukoll dwar l-aggravji mressqa mill-appellanti kollha dwar in-nullita' tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-prim'istanza kif ecceppiet mill-istess appellanti fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2006, b'dan ghalhekk li l-appell fil-konfront ta' Brian Borg, Joseph Borg, Victor Galea Pace, Stephen Mercieca, Marion Pace Asciak, Sammy Rapa, John Rizzo Naudi u Frank Xerri De Caro jigi appuntat biex jinstema' flimkien ma' l-appell ta' Joseph Angilleri, anke peress li l-istess

huwa appell uniku u wiehed, u ghalhekk l-istess rikorrenti hawn appena ndikati ghandhom jigu mharrka sabiex jidhru ghall-istess appell li ghandu jissokta bil-mod kif inghad fil-konfront tal-appellanti kollha u ghandu jigi trattat fil-mertu kif premess.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija filwaqt li **tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti biss fis-sens li tiddikjara li kif hawn deciz** kien hemm lezzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-Bniedem u ksur tal-**artikolu 39 (1) (6) (c) u (d) u l-paragrafu ahhari tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u dan meta l-appell kriminali fil-konfront ta' Brian Borg, Joseph Borg, Victor Galea Pace, Stephen Mercieca, Marion Pace Asciak, Sammy Rapa, John Rizzo Naudi u Frank Xerri De Caro gie ddikjarat dezert b'decizjoni tas-26 ta' April 2006 tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, u meta bid-decizjoni tal-istess Qorti datata 3 ta' Mejju 2006 abbazi tal-artikolu 422 (1) tal-Kap 9 giet michuda t-talba tal-istess rikorrenti sabiex jigi ri-appuntat l-istess appell skond it-termini tar-rikorsi rispettivi taghhom datati 28 ta' April 2006 u ghalhekk din il-Qorti thassar u tirrevoka l-istess zewg decizjonijiet tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali u tordna li fil-konfront tal-appellanti jitkompla jinstema' l-appell taghhom kemm fuq il-mertu konsistenti fl-aggravji kollha taghhom mressqa mill-appellanti fir-rikors tal-appell taghhom u kif ukoll dwar l-aggravji imressqa mill-appellanti kollha dwar in-nullita' tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-prim'istanza kif ecceppit mill-istess appellanti quddiem l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2006, b'dan ghalhekk li l-appell fil-konfront ta' Brian Borg, Joseph Borg, Victor Galea Pace, Stephen Mercieca, Marion Pace Asciak, Sammy Rapa, John Rizzo Naudi u Frank Xerri De Caro jigi appuntat jew ri-appuntat biex jinstema' flimkien mal-appell ta' Joseph Angilleri, anke peress li l-istess huwa appell uniku u wiehed, u ghalhekk l-istess rikorrenti hawn appena ndikati ghandhom jigu mharrka sabiex

jidhru ghas-smigh tal-istess appell li ghandu jissokta bil-mod kif inghad fil-konfront tal-appellanti kollha u ghandu jigi trattat fil-mertu kif premess.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------